**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 19 ta' April 2018**

Numru 15

**Rikors Guramentat Nru. 257/2018**

**Agence Maritime Tropezienne, socjeta registrata Franza, kif rapprezentata lokalment mill-mandatarji specjali taghha l-avukat Dottor Kevin Dingli u l-avukat Dottor Tonio Grech**
**vs**
**Il-Commercial Yacht bl-isem ta' m.y. INDIAN EMPRESS**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-20 ta' Marzu 2018 li jghid hekk:

Illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u disgha u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (EUR25,829.68), rapprezentanti prezz ta' provvisti konsenjati fuq il-bastiment intimat u servizzi moghtija lill-istess bastiment intimat.

Illi l-provvisti konsenjati, u servizzi moghtija, lill-bastiment intimat huma dawk indikati fil-fatturi Dok. A, Dok. B u Dok. C.

Illi l-bastiment intimat minkejja li gie interpellat sabiex ihallas l-ammont minnu dovut baqa' inadempjenti.

Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tar-rikorrenti, il-bastiment intimat ma ghandux ebda eccezzjonijiet x'jissolleva kontra t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, huwa applikabli ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet ghad-dispenza mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Jghid ghalhekk, il-bastiment intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex prevja kwalunkwe dikjarazzjonijiet, ordnijiet u/jew procedura necessarji u opportuni:-

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili;

2. Tiddikjara lill-bastiment intimat m.y. lndian Empress (Numru IMO 1006245) debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u disgha u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (EUR25,829.68), rapprezentanti prezz ta' provvisti konsenjati fuq il-bastiment intimat u servizzi moghtija lill-istess bastiment intimat, u konsegwentement

3. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma komplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u disgha u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (EUR25,829.68).

BI-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri (kawtelatorju) Numru 1735/17, u bl-interessi kummercjali skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra I-bastiment intimat Ii huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tat-18 ta’ April 2018 fejn il-bastiment konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut m.y. lndian Empress (Numru IMO 1006245) ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u disgha u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (€25,829.68), rapprezentanti prezz ta' provvisti konsenjati fuq il-bastiment konvenut u servizzi moghtija lill-istess bastiment konvenut, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-hlas effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.

Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur